30 ta' Mejju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

George Cassar *versus* Carmelo Bartolo

**Komunjoni ta' l-Akkwisti — Liċitazzjoni — Beni Parafernali — Mara.**

*Għalkemm ir-raġel huwa padrun assolut tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalkekk għandu dritt jamministra l-beni parafernali ta' martu, dawk il-beni però jibqgħu tal-mara, u ma jidħlux fil-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Meta fond jiġi liċitat bejn il-komproprjetarji, li fosthom ikun hemm mara miżżewġa, u dak il-fond jiġi liberat lilha flimkien ma' żewġha, dak il-fond, avvolja jkun ġie liberat favur ir-raġel u l-mara, ma jidħolx fl-akkwisti, imma jibqa' kunsidrat parafernali tal-mara. Il-komunjoni ta' l-akkwisti tibqa' kreditriċi tal-valur li jkun ġie depożitat għall-akkwist tal-fond.*

*Għalkekk ir-raġel, li jeserċixxi azzjoni li tiġih mill-pussess ta' fond hekk akkwistat, ma għandux jaġixxi f'ismu proprju, imma bħala amministratur tal-beni ta' martu; jew inkella għandha taġixxi martu bil-kunsens u assistenza tiegħu.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jintgħamlu d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha opportuni u neċessarji, peress li skond l-istess dikjarazzjoni bil-ġurament magħmula mill-konvenut fil-kawża "Cassar vs. Bartolo" deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' April 1951 (Dok. A), u skond id-dokumenti eżibiti f'dik il-kawża, li għaliha qegħda ssir riferenza, il-mejta Antonia Bartolo, omm il-konvenut, kienet krietlu żewġt ikma-

mar tal-pjan superjuri u l-loġġa biss tal-pjan superjuri, mentri l-konvenut qiegħed jokkupa d-dar kollha, il-ġnien u l-għalqa ta' wara l-ġnien, mingħajr ebda titolu; u peress li ġie nterpellat biex jiżgombra l-kmamar l-oħra u dawk il-postijiet kollha li qiegħed jokkupa b'titolu prekarju, iżda inutilment; minn dina l-Qorti (a) jiġi dikjarat illi l-kumditajiet mikrija lill-konvenut mill-mejta Antonia Bartolo huma biss żewġt ikmamar u l-loġġa tal-pjan superjuri, u li l-kumditajiet l-oħra, kompriżi l-ġnien u l-għalqa, il-konvenut qiegħed jokkupahom mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; (b) il-konvenut jiġi kundannat jiżgombra mill-kmamar kollha, mill-ġnien u mill-għalqa, u jokkupa biss iż-żewġt ikmamar u l-loġġa tal-pjan superjuri fuq imsemmija, f'dak iż-żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit mill-Qorti; u (c) il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur id-danni kaġunati lilu mill-konvenut minħabba l-aġir tiegħu illegali, peress li ma riedx jiżgombra mill-kumditajiet fuq imsemmija minnu okkupati b'titolu prekarju — liema danni għandhom jiġu likwidati jew f'dina l-kawża jew f'kawża oħra. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 u 30 ta' April 1951, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Mill-provi u attijiet tal-kawża preżenti, u dik riferita, jirriżultaw dawn il-fattijiet:— (a) Li bejn Ġorġ Cassar u martu teżisti l-komunjoni ta' l-akkwisti; (b) li l-fond li tiegħu qiegħed jintalab l-iżgumbrament kien oriġinarjament jappartjeni lill-awturi tal-mara ta' l-attur u l-konvenut, u li fis-7 ta' Novembru 1950, fuq proċedura ta' liċitazzjoni, ġie liberat lill-attur u martu; (c) li l-attur qiegħed jaġixxi f'dina l-kawża "in nome proprio";

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu li skond il-liġi (ara art. 1386, 1365 u 1375, tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-LL. ta' Malta, kombinati flimkien), meta bejn il-miżżewġin tkun teżisti l-komunjoni ta' l-akkwisti r-raġel miżżewweġ għandu l-amministrazzjoni tal-beni parafernali ta' martu; iżda jekk huwa minnu li l-frutti ta' dawk il-beni jaqgħu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, li "costante matrimonio" huwa padrun assolut tagħhom il-kap tal-komunjoni, eppure l-istess fondi parafernali ma jidħlux f'dik

l-istess komunjoni;

Illi skond id-dottrina u l-ġurisprudenza (ara Pothier, Trattato della Comunione, paragrafi 145-149, u Prim'Awla Ċivili 11 ta' Jannar 1950 "Richard Rizzo Bamber vs. Giuseppina Rizzo proprio et nomine"), il-fond li jkun ġie miġjub in liċitazzjoni mill-kolliċitanti imparentati, u bħala li huwa mnissel mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, ikun hekk ġie miġjub f'lok l-azzjoni ta' qasma bejniethom, u meta l-istess jiġi aġġudikat lil xi waħda mill-kolliċitanti u lil żewġha, dak il-fond ma jidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin liberatarji, imma jitqies li huwa ta' proprjetà ta' dak mill-liberatarji li jkun jitnissel mill-awtur axxendentali u li minnha tkun tiddeva l-komunjoni qabel l-istess liċitazzjoni. Minn dana għandna li, għalkemm il-fond ġie liberat lill-attur u lill-martu, eppure l-istess għandu jiġi ritenut ta' martu, u ma jidħolx kwindi fil-komunjoni, li tibqa' kreditriċi tal-valur li jkun ġie depożitat, u jiġi kunsidrat bħala beni parafernali;

Illi kwindi l-attur, li qiegħed jaġixxi għan-nom ta' martu, bħala li huwa jamministra dak il-fond parafernali tagħha, ma kienx imissu aġixxa personalment, imma bħala leġittimu amministratur ta' martu, jew inklelè setgħet ġiet 'il quddiem martu bl-intervent u bl-assistenza tiegħu (ara Appell, 8 ta' Marzu 1928 "Mallia Tabone vs. Azzopardi", Vol. XXVII-I—994, u Appell 22 ta' Marzu 1943 "Sammut vs. Cilia");

Illi hawn min jirritjeni li f'każi bħal dan jista' jiġi mqiegħed in operazzjoni l-art. 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; imma dina l-Qorti tħoss li dak l-artikolu għandu jiġi adoperat meta ma jkunx hemm ebda oppożizzjoni jew eċċezzjoni, inkwantokkè, jekk jiġi adoperat f'dawn l-aħħar ipotesijiet, tkun qiegħda tiġi newtralizzata d-difiża u tkun ġiet reża ineffikaċi, apparti li dik il-korrezzjoni, meta hemm oppożizzjoni, tkun timporta alterazzjoni sostanzjali fit-talba — dak li ma jridx l-artikolu fuq espress;

Illi kwindi l-eċċezzjoni konvenuta ta' l-illeġittimità tal-persuna, għandha tkun milqugħa;

Għalhekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna u tilli-bera "ab observantia judicii" lill-konvenut; bl-ispejjeż.

---